# IL-MAGĦMUDIJA TAT-TESTMENT IL-ĠDID

## INTRODUZZJONI

Id-dottrina tal-Bibbja tal-magħmudija hija waħda mill-aktar irredikolata mit-tagħlim kollu tal-Mulej tagħna, Sidna Ġesù Kristu. Imma r-redikolaġni ma tipprova xejn. Li xi ħadd jiddieħek bil-magħmudija, kif jagħmlu ħafna nies, ma jbiddel xejn minn dak li tgħid il-Bibbja Mqaddsa. Li xi ħadd jipprova, kif jagħmlu ħafna, ibiddel xi ħaġa mill-magħmudija, bħal, per eżempju, il-mod tal-magħmudija, l-iskop tal-magħmudija jew is-suġ-ġett tal-magħmudija, dan ukoll ma jbiddel xejn minn dak li tgħid il-Kelma ta' Alla dwar il-magħmudija! Jiena nittama li dawk kollha li jistudjaw din il-lezzjoni onestament jinvestigaw id-dottrina tal-Bibbja dwar il-magħmu-dija.

Mark 16:15, 16 huwa wieħed mill-aktar passaġġi ċari fil-Bibbja. Ġesù qal:

> "*Morru fid-dinja kollha, xandru l-bxara t-tajba lill-ħolqien kollu. Min jemmen u jitgħammed, isalva; iżda min ma jemminx, ikun ikkundannat.*"

F'din il-lezzjoni, aħna sejrin nużaw Skritturi bħal din biex nuru l-importanza tal-magħmudija. Aħna neħtieġu li nkunu nafu dak li Alla rrivela fil-pjan Tiegħu tas-salvazzjoni. Għalhekk, ħalli aħna nkunu lesti li naċċettaw dak kollu li Alla qal sabiex nogħġbuh u nkunu salvati permezz tal-grazzja Tiegħu.

Hija l-magħmudija essenzjali għas-salvazzjoni? Kompli aqra u sib x'tagħti l-Bibbja bħala tweġiba għal din il-mistoqsija importanti!

## X'INHI L-MAGĦMUDIJA?

Hemm biss *magħmudija waħda* fl-effett illum (Efesin 4:4-6). Din *il-magħmudija* waħda mhijiex il-magħmudija ta' l-Ispirtu s-Santu. Il-magħ-mudija ta' l-Ispirtu s-Santu qatt ma kienet imwiegħda lil xi ħadd ħlief lil l-appostli (ara Ġwanni kapitli 14 sa 16). *Il-magħmudija l-waħda* mhijiex il-magħmudija fin-nar. Hemm ħafna nies li jitolbu għall-magħmudija fin-nar—imma ċertament li huma ma jafux x'inhi, jew inkella huma mhumiex lesti li jistaqsu għaliha!! Il-magħmudija fin-nar xi kultant lanqas biss ma hija xejn intenzjonata għan-nies ta' Alla! Aqra Mattew 3:11-12 u ara kif dan hu mgħallem b'mod ċar minn Ġwanni l-Battista. Din *il-magħmudija l-waħda* mhijiex il-magħmudija amministrata minn Ġwanni l-Battista. Il-magħmudija ta' Ġwanni m'għadhiex aktar fl-effett. Kien hemm xi nies li kienu mgħammdin skond il-magħmudija ta' Ġwanni warta Pentekoste. Kif dan il-fatt sar magħruf, huma kienu mbagħad

mgħammdin Skritturalment (Ara Atti 19:1-5). Il-*magħmudija l-waħda* mhijiex tibxix jew li tferragħ l-ilma fuq persuna. Xi dizzjunarji jiddefinixxu l-magħmudija bħala tibxix, tferrigħ ta' l-ilma, jew immersjoni." DIK QATT MA KIENET ID-DEFI-NIZZJONI TA' ALLA GĦALL-MAGĦMUDIJA.

*Il-magħmudija l-waħda* hija immersjoni, għaliex il-kelma oriġinali, *baptizo*, tfisser: "li tgħaddas, li tniżżel taħt l-ilma, immersjoni." Hija immersjoni fl-ilma kif l-Iskritturi li ġejjin juru:

**Efesin 5:26,**

> "*U dan għamlu biex iqaddisha u jnaddafha bil-ħasil ta' l-ilma bil-kelma.*"

**Atti 8:38, 39,**

> "*Imbagħad ordna li jwaqqfu l-karru, niżlu t-tnejn fl-ilma, hu u Filippu, u dan għammdu. Malli telgħu mill-ilma, l-Ispirtu tal-Mulej ħataf lil Filippu; u l-uffiċjal ma rahx iktar u baqa' sejjer fi triqtu kollu ferħan.*"

Il-*magħmudija waħda* hija difna (Kolossin 2:12; Rumani 6:3, 4). Meta aħna nidfnu n-nies, aħna ma nbexxux trab fuq il-qabar; aħna ma nferrugħx ftit trab fuq il-qabar; aħna niksuh bit-trab! Dak hu preċiżament x'inhi l-magħmudija. Hija difna; mhux tibxixa jew tferriegħ ta' ftit ilma. Il-magħmudija hija importanti għaliex kien il-Mulej Innifsu li kkmandaha! Fit-test tagħna, Mark 16:15, 16, Ġesù wera li:

Twemmin + magħmudija = salvazzjoni.

Dan jixbaħ għal li tgħid li ġej:

Wieħed + wieħed = tnejn.

Imma d-dinja reliġjuża llum tgħid:

Twemmin – magħmudija = salvazzjoni.

Issa, għażiż qarrej, jiena nistaqsik jew li ġej hux tajjeb:

Wieħed – wieħed = tnejn.

Issa, int li qiegħed taqra dan, staqsi lilek innifsek u kun onest miegħek innifsek, huwa dan korrett? Ċertament li mhuwiex korrett! U l-idea denominazzjonali li jiena semmejt fuq mhijiex korretta, lanqas! Ġesù kien sewwa meta Hu wera li:

Twemmin + magħmudija = salvazzjoni.

Mela jiena nħeġġek, li jekk inti wieħed minn dawk li kont mgħallem li l-magħmudija mhix prerekwiżit għas-salvazzjoni, li persuna ssalva qabel il- magħmudija, ara sewwa xi jgħid Ġesù dwar dan u int għandek issib li Ġesù poġġa l-magħmudija *qabel* is-salvazzjoni u mhux wara kif jgħallmu xi denominazzjonijiet, u obdi lill-Mulej!

Oħrajn, li jgħammdu lit-trabi, ukoll iġibu l-kliem ta' Kristu fix-xejn. Huma jgħidu li:

magħmudija = salvazzjoni.

Tarbija ma tistax *temmen* allura dak li qal Kristu li wieħed l-ewwel għandu "jemmen" u mbagħad jitgħammed ma jiswa xejn għal dawn in-nies. Għalihom dan hu l-istess bħal:

Wieħed – wieħed = tnejn.

Imma l-Mulej jgħid ċar li:

Wieħed + wieħed = tnejn.

jiġifieri,

Twemmin + magħmudija = salvazzjoni.

Issa jiddependi minnek lil min se tobdi, lill-bnedmin jew lill-Mulej (Atti 5:29). Jiena nħeġġeġ lilek ukoll biex twarrab it-tagħlim kollu tal-bnedmin u tobdi l-kmand ċar u sempliċi tal-Mulej!

Jiena nħeġġeġ lil dawk kollha li jinsabu maqbuda fit-tagħlim falz tal-bnedmin biex jirrealizzaw li billi Ġesù poġġa l-magħmudija ***qabel*** is-salvazzjoni, ebda bniedem, grupp ta' nies, jew kredu, qatt ma jistgħu jibdlu dak il-fatt! L-unika ħaġa li jistgħu jibdlu hija d-destin tagħhom infushom u ta' dawk kollha li jimxu fuq it-tagħlim falz tagħhom!

## MIN GĦANDU JITGĦAMMED?

L-ewwel, dawk biss li huma mgħallmin il-Kelma ta' Alla. Fir-rakkont ta' Mattewtal-Kummissjoni l-Kbira (Mattew 28:18-20), aħna nitgħallmu lit-tagħlim jiġi qabel il-magħmudija. Eżempju tajjeb ta' dan il-fatt jinsab f'Atti 18:8,

> "*...U ħafna mill-Korintin, li kienu jisimgħu lil Pawlu, emmnu huma wkoll u tgħammdu.*"

"Emmnu U tgħammdu" u mhux "emmnu" biss, jew "tgħammdu" biss u salvaw!

It-tieni, dawk biss li jemmnu jistgħu jitgħammdu Skritturalment. It-test tagħna, Mark 16:16 juri dan li huwa minnu, għaliex Ġesù poġġa "twemmin" (fidi) qabel il-magħmudija. Il-vers li kkwotajt fuq (Atti 18:8) ukoll isegwi dik l-ordni.

It-tielet, dawk biss li huma ħatja tad-dnub jistgħu Skritturalment ikun mgħammdin. Eżempju perfett ta' dan huwa Atti 2:38, fejn dawk li kienu ħatja tad-dnub li qatlu lis-Salvatur staqsew x'għandhom jagħmlu dwar dan. Parti mit-tweġiba kienet biex jitgħammdu għall-maħfra ta' dnubiethom.

Ir-raba', dawk biss li jindmu jistgħu jkunu Skritturalment mgħammdin. L-indiema tiġi qabel il-maħfra tad-dnubiet (Luqa 24:47; Atti 2:38; 3:19). Maħfra tad-dnubiet tiġi mal-magħmudija tal-Bibbja. Għalhekk, l-indiema tiġi qabel il-magħmudija. Jekk inti ma ndimtx minn dnubietek, il-magħmudija ma tista' tagħmillek xejn tajjeb. Ukoll, jekk int kont mgħammed qabel ma ndimt, il-"magħmudija" għandha tkun ikkonsidrata mill-ġdid—b'mod serju ħafna.

Il-ħames, dawk biss li jistqarru l-fidi tagħhom fi Kristu jistgħu jkunu Skritturalment mgħammdin kif wieħed jista' jara f'Atti 8:37; Rumani 10:9-10.

Is-sitta, trabi ma jistgħux ikunu skritturalment mgħammdin.

- Huma ma jistgħux ikunu *mgħallmin* (Mattew 28:9).
- Huma ma jistgħux *jemmnu* (Mark 16:16).
- Huma *mhumiex ħatja tad-dnub* (ma kisrux il-liġi ta' Alla (Luqa 18: 15-17; 1 Ġwanni 3:4).
- Huma ma jistgħux *jindmu* (għaliex huma m'għandhom xejn li għandhom jindmu minnu). L-hekk imsejjaħ "dnub tan-nisel" jew "dnub oriġinali" ma jeżistiex fil-Kelma ta' Alla bħala xi dnub li jintiret (Ara Eżekjel 18:20).
- Huma ma jistgħux *jistqarru* lil Kristu (huma mhumiex kbar biżżejjed biex jemmnu).
- Ma hemm ebda permess fil-Kelma ta' Alla biex xi ħadd igħammed lit-trabi. (Kolossin 3:17).

Is-seba',nies li huma kbar biżżejjed u ntelliġenti biżżejjed biex jifhmu l-pjan tas-salvazzjoni ta' l-Evanġelju , u jistgħu jkunu responsabbli lejn Alla għal l-azzjonijiet tagħhom, jeħtieġu li jkunu mgħammdin Skritturalment (Atti 8:12).

## KIF JIENA GĦANDI NKUN MGĦAMMED?

Int għandek tkun mgħammed fl-ilma, kif juri l-eżempju ta' l-ewnuku (Atti 8:26-40). Int għandek tkun mgħammed f'ħafna ilma (Ġwanni 3:23; biżżejjed ilma għal immersjoni Skritturali). Int għandek tmur lejn l-ilma (Atti 8:36-39); u mhux ikollok reċipjent miġjub għandek bl-ilma. Int għandek tmur fl-ilma (ara l-magħmudija ta' Ġesù; Mattew 3:13-17). Int

għandek tkun midfun fl-ilma. Innota l-passaġġi li ġejjin: (Kolossin 2:12; ara wkoll Rumani 6:3, 4). Int għandek issir ħaġa waħda ma' Kristu f'mewt *tixbaħ* lil Tiegħu (Rumani 6:5). Int tkun maħsul safi mid-dnub (Titu 3:5; Lhud 10:22; Atti 22:16). Int għandek tkun imqajjem mill-ilma (Rumani 6:4). Fl-aħħar, int għandek "titla' mill-ilma," kif aħna nitgħallmu mill-eżempji tal-Mulej u ta' l-uffiċjal mill-Etjopja. (Atti 8:30).

Dan kollu huwa sabiex tkun taqbel ma' l-eżempju tal-magħmudija ta' Ġesù, u x-xebħ tal-mewt, difna, u qawmien Tiegħu. Aħna għandna mmutu għad-dnub, inkunu midfunin fl-ilma, u nqumu biex nimxu f'ħajja ġdida. Il-Kelma ta' Alla tgħidilna hekk:

> "*Ma tafux li aħna li tgħammidna fi Kristu, tgħammidna fil-mewt tiegħu? Indfinna miegħu fil-mewt permezz tal-magħmudija sabiex kif Kristu kien imqajjem mill-imwiet permezz tal-qawwa glorjuża tal-Missier, hekk aħna ngħixu ħajja ġdida*" (Rumani 6:3-4).

Aktar wara fl-istess kapitlu, l-appostlu Pawlu jiddeskrivi din l-ubbidjenza fil-magħmudija bħala l-punt meta l-midinba huma magħmula ħielsa mid-dnub. Pawlu jgħid,

> "*Ma tafux li jekk intom toffru ruħkom lil xi ħadd b'ilsiera biex tobduh, ta' min tkunu tobdu tkunu l-ilsiera, kemm jekk dan ikun id-dnub, li jwassal għall-mewt, u kemm jekk tkun l-ubbidjenza li twassal għall-ġustifikazzjoni? Imma niżżu ħajr lil Alla: intom kontu lsiera tad-dnub, imma issa obdejtu minn qalbkom dik il-kwalità ta' tagħlim li ngħatalkom biex timxu fuqu; infdejtu minn taħt id-dnub, imma tjassartu għall-ġustizzja*" (Rumani 6:16-18).

## GĦALIEX JIENA GĦANDI NKUN MGĦAMMED?
## GĦALL-MAĦFRA TAD-DNUBIET

Jekk inti dnibt kontra Alla, u aħna lkoll għamilna dan (Rumani 3:23), allura int mitluf/a, sakemm int mhux diġa' obdejt ir-rieda ta' Alla. Kristu miet għalina lkoll—ukoll għalkemm aħna nidinbu kontrih—u Hu miet għaliex il-ħlas tad-dnub hu l-mewt (Rumani 5:8; 6:23). Il-pjan tas-salvazz-joni ta' l-Evanġelju hu għalina midinbin.

Ġesù miet biex ixerred demmu "għall-maħfra tad-dnubiet" (Mattew 26: 28). Hu ġie "biex ifittex u jsalva dak li hu mitluf" (Luqa 19:10). Hu ġie biex iserraħ it-tagħbijiet kollha ta' dawk kollha li jiġu Għandu—ukoll bit-tagħbija tad-dnub (Mattew 11:28-30).

Midinbin jeħtieġu d-demm prezzjuż Tiegħu, għaliex dak id-demm biss jista' jaħsel it-teba' tad-dnub (Lhud 7:27). Issa aħna għandna noffru lilna nfusna f'ubbidjenza li tafda Għalih. Hu "l-Ħaruf ta' Alla, li jneħħi d-dnub tad-dinja" (Ġwanni 1:29). Jekk inti dnibt (u hekk għamilt), int teħtieġ dak id-demm li jkun applikat għar-ruħ tiegħek.

Il-magħmudija hija fejn il-benefiċċji tad-demm tiegħu huma miksuba. Il-fidi biss ma taħsilx id-dnubiet. L-indiema ma tagħmiilx dan. Lanqas l-istqarrija tal-fidi f'Ġesù. Il-magħmudija taħsel id-dnubiet—mhux minħabba l-ilma—imma għaliex huwa fl-ilma li aħna nirċievu l-benefiċċji tad-demm tiegħu. Ħalli l-Bibbja (u mhux il-bnedmin) titkellem fuq il-qawwa tad-demm ta' Ġesù fil-magħmudija:

**Mattew 26:28,**

> "*Għax dan huwa demmi, id-demm tal-patt, li hu mxerred għall-kotra* ***għall-maħfra tad-dnubiet****.*"

**Atti 2:38,**

> "*...Indmu, u jitgħammed kull wieħed minnkom fl-isem ta' Ġesù Kristu* ***għall-maħfra tad-dnubiet-kom****...*"

**Mark 16:16,**

> "*Min jemmen u jitgħammed, isalva; iżda min ma jemminx, ikun ikkundannat.*"

**Atti 22:16,**

> "*U issa x'int tistenna? Qum! Tgħammed u* ***nħasel minn dnubietek****.*"

**1 Pietru 3:21,**

> "*Dan l-ilma kien ifisser il-magħmudija, li issa ssalva lilkom ukoll. Mhux għax tnaddaf il-ħmieġ tal-ġisem, imma għax hi talba lil Alla ħierġa minn kuxjenza safja bis-saħħa tal-qawmien ta' Ġesù Kristu.*"

Ċertament, li dawn l-Iskritturi jgħinu biex juru l-konnessjoni bejn il-magħmudija u l-maħfra tad-dnubiet!

## X'INHUMA L-EFFETTI TAL-MAGĦMUDIJA?

Hija li tobdi lil Alla, u għalhekk hija kemm li togħġbu u aċċettabbli Għalih (Atti 10:48; Rivelazzjoni 22:14). Hija twettaq il-ġustizzja, li hija mfissra bħala "li tagħmel is-sewwa." Ġesù kien mgħammed biex iwettaq is-sewwa (il-ħaqq)—għandna aħna nagħmlu xi ħaġa inqas? (Ara Mattew 3:15; Atti 10:34, 35; Salm 119:172; Mattew 25:46). Effett ieħor tal-magħ-

mudija huwa li dnubietna huma maħsula. Ħafna jaħsbu li Sawl (Pawlu) kien salvat fit-triq għal Damasku—qabel il-magħmudija. Jekk huwa hekk, mela għaliex Ħananija ġie għandu TLITT IJIEM WARA biex igħidlu li hu (Sawl) għandu jitgħammed biex ikollu dnubietu maħsula (Atti 22:16)? Ukoll, bħala riżultat tal-magħmudija (u l-fidi, indiema, u stqarrija li jiġu qabilha), il-midneb ikun salv (ara 1 Pietru 3:21; Mark 16:16). Il-magħmudija tipproduċi wkoll l-effett li tpoġġi lil dak li jkun "fi Kristu" (Galatin 3:27; Rumani 12:13). Il-magħmudija wkoll tpoġġi lil dak li jkun fil-knisja (1 Korintin 12:13) jew saltna (Ġwanni 3:5). Ma hemm ebda mod ieħor biex xi ħadd isir ħaġa waħda ma' Kristu jew fil-knisja (saltna) Tiegħu. Il-bnedmin igħallmu ħafna tagħlim falz dwar l-importanza tal-magħmudija imma jekk int lest li tħalli l-Kelma ta' Alla tmexxik hi m'għandu jkollok l-ebda problema biex tara kemm hija importanti l-magħmudija għas-salvazzjoni tiegħek.

Qiegħed int Fih? Qiegħed int fil-knisja l-waħda li dwarha l-Bibbja titkellem? Jekk int ma kontx mgħammed Skritturalment, kif tista' int tkun fi Kristu? Fi **Ġwanni 1:12** naqraw:

> "*Imma lil dawk li laqgħuh tahom is-setgħa* ***li jsiru*** *wlied Alla, dawk li jemmnu f'ismu .*"

Jekk inti lqajt u temmen f'Ġesù Kristu, Alla tak is-setgħa **li ssir** (mhux għamlek) ibnu jew bintu. Forsi int tistaqsi, mela kif jiena nista' nsir iben (jew bint) Alla? Il-Kelma ta' Alla tgħidlek kif. Isma' x'tgħid:

**Galatin 3:26, 27,**

> "*Għax intom ulied Alla lkoll kemm intom, permezz tal-fidi fi Kristu Ġesù. Intom, li intom mgħammda fi Kristu, ilbistu 'l Kristu.*"

Qiegħed tara kif nies isiru wlied Alla? Billi jemmnu fi Kristu Ġesù u jitgħammdu Fih. (Ara Mark 16:16). Fidi biss ma tagħmilx lil xi ħadd iben jew bint Alla (Ġakbu 2:17, 24, 26).

**Attti 22:16,**

> "*U issa x'int tistenna? Qum! Tgħammed u* ***nħasel minn dnubietek****.*"

Fl-aħħarnett, dawk li jobdu lil Ġesù billi jkunu mgħammdin huma magħmula werrieta ta' l-eternità (Rumani 8:16, 17; 1 Pietru 1:4). Dan, naturalment, huwa bbażat fuq ħajja fidila wara l-magħmudija, ukoll.

## META JIENA GĦANDI NITGĦAMMED?

Mhux sakemm int temmen dak li tgħid il-Bibbja dwar il-magħmudija! Dawn fil-Jum ta' Pentekoste staqsew, "X'għandna nagħmlu?" (Atti 2:37).

Sawl staqsa "X'għandi nagħmel?" (Atti 9:6). Fiż-żewġ waqtiet, it-tweġiba nkludiet il-"magħmudija l-waħda"! Fejn int tinsab f'dan is-suġġett?

Jekk int temmen dak li tgħid il-Bibbja dwar il-magħmudija, int għandek tobdi dan il-kmand tal-Mulej illum. Int m'għandekx iż-żmien kollu biex tobdi l-Evanġelju. Il-Bibbja Mqaddsa tgħid,

**Ġakbu 4:14,**

> "*U intom ma tafux x'għad isir għada. Għax x'inhi ħajjitkom? Intom bħal fwar li jidher għal ftit u mbagħad igħib.*" (Ara wkoll 2 Korintin 6:2.)

La tpoġġix is-salvazzjoni tiegħek fil-ġenb. Obdi lil Alla immedjatament—u s-smewwiet jifirħu miegħek (Atti 9:18; 16:33; Luqa 15:7; Atti 8:40).

## KONKLUŻJONI

In-nies jistgħu jirredikolaw il-magħmudija, u kif jagħmlu xi denominazzjonjiet, inaqqsu mill-importanza tagħha billi jgħidu li l-magħmudija mhix prerekwiżit għas-salvazzjoni, imma l-Bibbja, il-Kelma ta' Alla, tagħ-milha importanti! Il-magħmudija hija essenzjali għas-salvazzjoni! Hija essenzjali għas-salvazzjoni mhux għax qiegħed ngħid dan jien, imma għaliex hija *kmand tal-Mulej* (Mattew 28:19; Mark 16:16). M'intix int lest issa li tobdi *l-kmandi kollha* tal-Mulej tagħna, Sidna Ġesù Kristu? Inkluż dan il-wieħed tal-magħmudija?


**IPPREŻENTAT MILL-KNISJA TA' KRISTU**

Flat 1, Polytechnic Flats,
Ġużè Debono Square,
Msida. MSD 10

e-mail: info@churchofchristmalta.com
website: www.churchofchristmalta.com


Ħinijiet tal-laqgħat:
Il-Ħadd: Servizz ta' qima: 10.30 a.m.
L-Erbgħa: Studju mill-Bibbja: 7.00 p.m.